# Dun Ġwann Camilleri: il-Kappillan tal-istatwa titulari ta' Santa Marija



*Kitba ta' Dun Geoffrey G. Attard*

Din is-sena, kif inkiteb wisq tajjeb diġa banda oħra[1], qed jitfakkru l-mitt sena mill-mewt tal-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, il-kappillan li fi żmienu waslet fostna l-istatwa titulari ta' Santa Marija Assunta meqjuma fil-Knisja Matriċi u Arċipretali taż-Żebbuġ. Sabiex ma naqgħux fil-periklu tar-ripetizzjoni, f'din il-kitba sa nillimita ruħi għar-rabta partikulari ta' dan is-saċerdot mal-parroċċa taż-Żebbuġ.

*The Żebbuġ Assumption conveys the spirit of serenity that must have certainly pervaded the Virgin Mary during her Assumptin into heaven. Her eyes are raised towards the beatific vision and her open hands are ready to embrace her divine Son. Four angels accompany their queen while making her solemn entry into heaven.*[5]

Dun Ġwann Camilleri twieled fil-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, illum Bażilika, Kolleġġjata u Matriċi Arċipretali nhar id-9 ta' Diċembru 1830[2]. Studja fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu' fir-Rabat Għawdex u ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Publiju Sant nhar l-20 ta' Diċembru 1856.[3]

**Kappillan fiż-Żebbuġ**

Kien nhar it-8 ta' Marzu 1863 li l-Isqof Publiju Sant ħatar lil Dun Ġwann kappillan tal-parroċċa taż-Żebbuġ. Huwa kien it-tmien kappillan ta' din il-paroċċa. Jidher li kien saċerdot tassew ħawtiel u ħabrieki għaliex wara biss ftit xhur kien iddeċieda li jġib għal din il-parroċċa statwa artistika tal-Assunta li sservi bħala l-istatwa titulari. Fil-fatt, f'parrokkat hekk qasir ta' madwar sentejn "huwa żejjen iż-Żebbuġ b'waħda mill-isbaħ opri li għandha l-Knisja: l-istatwa ta' Santa Marija Assunta"[4]. Dan l-awtur ikompli jgħid li l-istatwa tassew irnexxiet għaliex hija waħda mill-isbaħ statwi li għandna f'Malta u Għawdex.



*L-Istatwa Titulari tal-Assunta -1863*

Forsi jkun xieraq hawnhekk li nġibu silta li kittieb ieħor, din id-darba studjuż tal-istorja, kiteb dwar din l-istatwa artistika tal-Assunta magħrufa għall-ġmiel u s-sbuħija tagħha

Skond dan l-istess awtur, kien fiċ-ċerimonja tal-inawgirazzjoni tiegħu bħala l-kappillan il-ġdid tal-parroċċa taż-Żebbuġ li stieden lill-parruċċani sabiex jikkontribwixxu finanzjarjament għall-istatwa tal-Assunta li kellu f'moħħu jordna minn barra minn Malta. Il-Kappillan Camilleri ordna l-istatwa tal-istatwa għand id-ditta Franċiża *Galard et Fils* ta' Marsilja; l-istess ditta minn fejn aktar 'il quddiem ordna l-istatwa titulari ta' Marija Bambina għall-parroċċa tax-Xagħra u l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl għall-parroċċa ta' raħal twelidu, in-Nadur.

Is-sena 1863 jidher li kienet sena sinifikattiva fl-istorja tal-gżira Għawdxija. Kien matul din is-sena li fir-Rabat ta' Għawdex twaqqfu legalment l-ewwel żewġ baned tal-gżira *La Stella Vincitrice* u *Il Leone* u kien proprju matul din is-sena wkoll li saru l-aħħar tentattivi sabiex f'Settembru tas-sena ta' wara 1864 ix-xewqa qadima tal-poplu Għawdxi li jkollu djoċesi għalih saret realtà meta l-Beatu Papa Piju IX qata' lil Għawdex minn Malta bħala djoċesi indipendenti u ħatar lis-saċerdot Dun Mikiel Franġisk Buttiġieġ bħala l-ewwel isqof tad-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex.

Permezz tal-miġja tal-istatwa titulari ta' Santa Marija Assunta fil-parroċċa taż-Żebbuġ, din il-parroċċa saret l-ewwel waħda fil-gżira Għawdxija li kellha statwa titulari tal-Assunta. Ma hemmx dubju għalhekk li din kienet ġrajja ta' ferħ kbir b'mod partikulari għaż-Żebbuġin. Minn dak li nkiteb diġa nafu li l-istatwa ħarġet għall-ewwel

1 Anton Said, 'Il-Kon-Pajżan tagħna l-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri (1830-1910) Mitt Sena minn Mewtu" f' *L-Imnarja*, Pubblikazzjoni Soċjeta' Filarmonika Mnarja, Nadur/2010, 45-46

2 Ibidem.

3 Ibid.

4 Dun Ġużepp Vella, *Iż-Żebbuġ Il-Parroċċa ta' Santa Marija*, (Gozo Press) Għawdex 1987, 53-55.

5 Joseph Bezzina, *Parish Titular Statues In Gozo* (=Gaulitana 5), Malta 1987, 35.



darba fil-purċissjoni tal-1863. Dak in-nhar, iż-Żebbuġin iċċelebraw kemm setgħu din il-ġrajja mportanti; meta l-istatwa waslet fil-pjazza, iż-Żebbuġin organizzaw musketterija li qatt ma kienet dehret bħalha qabel u l-irġiel li kellhom xkubett għamlu ringiela kull naħa u wieħed wara l-ieħor sparaw tir fl-ajru. L-Isqof ta' Għawdex Mons. Fra Ġwann Marija Camilleri OESA ken ta indulġenza ta' 40 jum lil min jgħid Salve Reġina quddiem din l-istatwa nhar id-29 ta' Jannar 1899.[6]

Il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri temm il-kariga tiegħu ta' ragħaj spiritwali tal-parroċċa ta' Santa Marija f'Ottubru 1865; kien fil-fatt nhar il-31 ta' Ottubru 1865 li Dun Ġwann inħatar kappillan tal-parroċċa tax-Xagħra fejn dam sal-1881 meta nhar l-1 ta' Marzu ta' din is-sena nħatar kappillan tal-parroċċa ta' raħal twelidu fin-Nadur.[7] Kien hu wkoll li matul iż-żmien tiegħu bħala kappillan fix-Xagħra u fin-Nadur ġab mill-istess ditta l-istatwa titulari tal-Vitorja u dik ta' San Pietru u San Pawl għall-parroċċi rispettivi li mexxa spiritwalment. M'hemmx għalfejn ngħidu kemm dawn il-ġesti swew biex Dun Ġwann ikun kappillan popolari u ferm maħbub kull fejn qeda l-poplu ta' Alla. B'hekk huwa wkoll rabat ismu darba għal dejjem mal-ġrajja tal-istatwi titulari tal-gżira tat-tlett għoljiet.

| Kalb helua ta Gesù, Inti cun l'imhabba tieghi. (300 Ind.) | ☧ | Kalb helua ta Maria, Inti cun is-sahha tieghi. (300 Ind.) |
|---|---|---|

**DON GIUAN CAMILLERI**
LI UARA LI GHAL SENTEIN
MEXXA IL PARROCCIA TAZ-ZEBBUG
UARA LI GHAL SITTAX IL SENA
HABREC GHAL PARROC. TAX-XGHARA
BL'ICBAR MHABBA GHAL TLETIN SENA
THABAT GHAL MERHLA TA PAJISU
IL PARROCCIA TAN-NADUR
LI HU GIEB COLLEGIATA ARCIPRETALI
FIL 31 TA MEJU 1910
TA 80 SENA B'MARDA KALILA
MISSIER HANIN RAGHAJ TAJEB
SACERDOT HABRIECHI
MIBCHI MIL FKAR U MIL POPLU COLLU
BL'GHAINUNIET COLLA TAL CNISIA
HALLA DAN IL UIET TAD-DMUH
BIEX IINGHAKAD MA GESÙ

It-tifchira tighu tibka mincom imbierca ghala dejem u bit-talb tachom haffulu il mistrieh fil hdan ta Gesù.
O Sinjur Gesù tajeb, ghatih il mistrieh ta dejjem. ( *Ind. 300 jum.* )

**R I P**

Bis-sensia tal Cnisia.

Hajr lil Dun Dumink Camilleri u Anton Said (Nadur) għar-ritratti u materjal ieħor.

6 Dun Ġużepp Vella, 55.
7 Anton Said, 45.

## LISTA TA' META SARU L-ISTATWI TITULARI TA' GĦAWDEX*

*San Ġorġ* – Victoria, Pietru Pawl Azzopardi, 1839
*San Ġwann* – Xewkija, Pietru Pawl Azzopardi, 1845.
*Il-Viżitazzjoni* – Għarb, Giuseppe Vella, 1853.
*Santa Marija Assunta* – Żebbuġ, *Galard et Fils* Marsilja, 1863.
*Madonna ta' Loreto* - Għajnsielem, *Galard et Fils* Marsilja, 1866.
*Marija Bambina* - Xagħra, *Galard et Fils* Marsilja, 1878.
*San Pietru u San Pawl* - Nadur, *Galard et Fils* Marsilja, 1881.
*San Ġużepp* - Qala, *Galard et Fils* Marsilja, 1890.
*Santa Margerita* - Ta' Sannat, *Galard et Fils* Marsilja, 1891.
*Madonna tas-Sokkors* - Ta' Kerċem, Francesco Lo Turco, 1891 u *Galard et Fils* Marsilja 1897.
*San Lawrenz* - San Lawrenz, *Galard et Fils* Marsilja, 1895.
*Santa Marija Assunta* - Katidral Victoria, *Francesco Rosa* Ruma, 1897.
*Qalb ta' Ġesù* - Fontana, Wistin Camilleri, 1923.
*San Pawl Appostlu* - Munxar, Wistin Camilleri, 1933.
*Ġesù Salvatur* - Għasri, Michael Camilleri Cauchi, 1982.

* Din il-lista bid-data rispettivi ta' meta saru jew ħarġu fil-purċissjoni għall-ewwel darba l-istatwi titulari hija bbażata fuq tagħrif misjub fil-ktieb ta' Joseph Bezzina, *Parish Titular Statues In Gozo* (Gaulitana 5), Malta 1987.